KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 10**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh, nhar it-Tnejn 6 ta' Jannar, 2020, fis-6.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Carmen Borg - Kunsillier
Cynthia Tommasuolo - Kunsillier
Louise Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**10.01 ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Vincent Bonello – Viċi Sindku

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

**Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li minħabba ħsara teknika, is-seduta mhux ħa tiġi streamed live.

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**10.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

10.02.01 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 09 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

10.02.02 **Il-Kunsillier Louise Portelli** irimarkat li waqt laqgħa preċedenti hija kienet irimarkat li Facebook status wara l-Festival tac-Ċikkulata ta' **s-Sindku Christian Sammut** kien urtaha. Hija qalet li tixtieq li din ir-rimarka tiġi mniżżla fil-minuti. Hija fakkret li is-**Sindku Christian Sammut** kien għamel post fuq Facebook fejn irringrazzja lil ħaddiema tal-kunsill, iżda mhux lil kunsilliera.

**Is-Sindku Christian Sammut,** rimarka li huwa bħal ma għamel dejjem ħass li kellu jirringrazzja lil ħaddiema ta' x-xogħol u l-ħin twil li għamlu, kif ukoll li jagħmel "Tagged" lil kunsilliera li taw xi sehem fl-attivita'. Huwa qal li b'dan il-mod ħass li kien qiegħed jirringrazjom ukoll. Huwa semma' li hu dover ta' kull kunsillier li jghin fil-ħidma kif ukoll li kulħadd seta' jagħmel u jikteb dwar ix-xoghol li għamel. Huwa qal li kiteb hekk bla ebda intenzjoni u fakkar li kemm il-darba semma' kunsilliera fil-posts tieghu fuq Facebook. Fakkar li dan kien fuq profile personali tiegħu u mhux fuq il-paġna tal-kunsill u għalhekk ma jarax il-lok ghala għandu jinqala' issue dwar dan.

**Il-Kunsillier Louis Portelli** irimarkat li b'dak l-istatus hija tħoss li in-nies hemm barra ma jindunawx li l-kunsilliera għamlu is-sehem tagħhom ukoll, hija wkoll irrimarkat li dawn l-affarijiet għandhom jitniżlu fil-minuti.

**Is-Segretarju Eżekkutiv Daniel Bugeja** informa lil kunsill li dawn ma kienux fil-minuti peress li dawn ma humiex affarijiet relatati mal-ħidma tal-kunsill, iżda affarijiet personali. Għaldaqstant il-prassi hi li dawn ma jkunux imniżlin.

**Il-Kunsillier Louis Portelli** irimarkat li dawn irridu jiġu mniżżla għax dik kienet ix-xewqa tagħha, irimarkat ukoll li f' posta elettronika preċedenti **is-Segretarju Ezzekutiv Daniel Bugeja** kien irrispondija b'mod ħażin "Il-Kaz Maghluq" fuq diskussjoni dwar suġġett ieħor.

**Is-Segretarju Eżekkutiv Daniel Bugeja** rimarka li ma kienx hu li kiteb hekk, **is-Sindku Christian Sammut u il-Kunsillier Efrem Buttigieg** irimarkaw li is-Segretarju Eżekkutiv ma kitibx hekk.

**Il-Kunsillier Louis Portelli** insistiet li kollox jitniżżel fil-minuti, filwaqt li **l-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** qal li ma jara xejn ħażin li dan kollu jinkiteb fil-minuti.

**Is-Sindku Christian Sammut** qal li huwa ridt jirringrazzja lil dawk li ħadmu inkluża lil **Kunsillier Louis Portelli**, iżda huwa jemmen li fuq il-profil personali tiegħu għandu dritt jesprimi ruħu b'dak il-mod. Huwa qal li qatt ma ndaħal lil ħadt, anki meta kien hemm kummenti li mhux addattati. Huwa fakkar li waqt il-laqgħa irringrazzja lil dawk li taw sehem tagħhom fosthom lil kunsilliera Louise li ħadet ħsieb il-fashion show u l-akkomodazzjoni tac-ċikkulatir.

**Is-Sindku Christian Sammut** qal li ma jsibx oġġezzjoni li dawn jitniżżlu fil-minuti, għaldaqstant il-kunsill inkariga **is-Segretarju Eżekkutiv** biex jiċċekkja hux possibbli. Is-**Segretarju Eżekkutiv** informa lil kunsill li din il-kwistjoni mhux xi ħaġa ta' minuti iżda xorta waħda sa jkun qiegħed jieħu parir u sa jkun qiegħed jiċċekkja il-possibbilta' li dawn jitniżżlu.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**10.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li flimkien mal-**kunsillier Efrem Buttiġieġ** sa jitlob laqgħa ma' l-pulizija dwar il-Bye-laws li hemm u jintalab iktar infurzar. **Il-Kunsillier Cynthia Tommasuolo** talbet li jissemmew l-illegalitajiet li qed issiru faċċata ta' Triq Schembri.

10.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li l-kunsill li ix-xogħol fuq il-ktieb kommemorativ tal-palju huwa lest. Huwa ġie informat mis-Sur Cordina li żdied xi paġni. Huwa informa lil kunsill li is-Sur Cordina ġabar ammont tajjeb ta' reklami, għaldaqstant, dawn koprew l-ispiża kollha. **Il-Kunsillier Carmen Borg** issuġeriet li in-nies li ħadmu biex il-Palju iseħħ jingħataw rikonoxximent. **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** issuġeriet li issir attivita' il-kunsill. Il-kunsill qabel ma dawn is-suġġerimenti u ġie maqbul li id-data tkun id-29 ta' Jannar jekk l-organizzatur ikun disponnibli.

10.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li qegħdin jinġabru l-istimi għal-fanali ta' Pjazza 7 ta' Ġunju.

10.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-Kunsill li Tender For The Restoration Of Toilets And Showers As Part Of The Hamrun Old Railway Station Project (Erdf05.105) ħareġ

10.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li qegħdin jinġabru l-istimi għas-sistema ta' irrigazzjoni għal ħdejn il-Housing Estate, l-iskola kif ukoll ġnien Anton buttiġieġ. Dawn jinkludu il-Pots u Brackets ukoll.

10.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li l-ħidma biex jiġu installati Kamera fejn il-Bring In Sites fi' Triq Joe Gasan bdiet.

10.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li l-ġurnata f'Għawdex li inkludiet il-miġja għal-Għajnsielem kienet suċċess u jemmen li il-ġemellaġ bejn iż-żewġ lokalitajiet sa jkompli jikber.

10.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li issir kors ta' crafts għat-tfal, huwa qal li idealment dawn jinkludi, Arti, Craft, kif issir presepju u karru, flimkien ma ideat oħra. **Il-Kunsilliera Carmen Borg u Efrem Buttiġieġ** ġew inkarigati biex jorganizawħ.

10.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li sa jkollna xi studenti mil-Aġenzija Żagħżagħ għal xi siegħat matul il-ġimgħa.

10.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li ittieħdu xi fondi mid-dipartiment għal-protezzjoni tal-annimali. Huwa informa l-kunsill li l-Kunsillier Cynthia Tomassuolo sa tkun qed tikoordina il-meħtieġ għal dawn il-fondi.

10.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li kellu diskussjoni mal-Kunsillier Cynthia Tomassuolo biex jekk il-kunsill jaqbel, tibda issir ħidma għal Bye-Law dwar kiri ta' propjeta' li għandu il-kunsill. Il-kunsill qabel unanimament.

10.03.12 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li irċevejna posta diġitali ħabba l-fondi ta' t-Torri ta' l-ilma.

10.03.13 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li l-miġja ta' s-slaten maġi kienet suċċess. Huwa informa lil kunsill, li l-inizzjattiva li issir "Mass Band" bejn it-3 baned Ħamruniżi ġiet diskussa waqt l-attivita li saret għal Għawdex fi' żmien il-festi. Huwa rrimarka wkoll li l-medja għamlet coverage tajba ta' l-attivita'.

10.03.14 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li il-lezzjonijiet tal- Kick Aerobic ħa jitkomplew filwaqt li saqsa jekk xi ħadt għandux xi kuntat ma xi persuna biex jagħmlu l-Fitness Class. Huwa issuġerixxa li jinxtara apparat ieħor biex tindaqq il-mużika. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.03.15 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li jinxtraw xi mwejjed biex ikunu propjeta' tal-kunsill. Huwa infurma l-kunsill li kumpanija partikolari sa tkun qed tagħlaq u issuġerixxa li jinxtraw mingħandu. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.03.16 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li rċevejna proposta biex issir taħdita dwar it-tibdil fil-klima. Kunsill qabel li jsir kuntatt magħħa.

**10.04 Karnival fil-Ħamrun**

10.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li għalkemm sa issa ma kienx hemm l-ebda laqgħa uffiċjali, huwa infurmat li "Festivals Malta" diġa bdew jaħdmu fuq l-attivita'. Huwa isuġġerixa li tintbagħat stedina lil għaqdiet Ħamruniżi biex dawn jipparteċipaw, kif ukoll tiġi evalwata il-possibilta' li jiġu mistiedna iktar baned fosthom dik ta' Għajnsielem.

10.04.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** ippropona li l-kompetizzjoni ta' l-aqwa kostum li issir is-Sibt filgħaxija tkun f'Arena għalija u mhux f'dik ta' ż-żfin. **Il-Kunsillier Carmen Borg** qablet ma' din il-proposta u saħqet li l-ħajjata jkunu jistgħu jevalwaw aħjar jekk ma jkollomx jagħġlu. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.04.03 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** issuġerixxa li Francis Borg u Emmanuel Chircop ikunu il-preżentaturi għal-karnival ta' s-Sibt filwaqt li l-Ħadd ikollna lil Emmanuel Chircop u Christabel Scerri. Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.05 Fondi**

10.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li huwa attenda laqgħa minħabba in-Norwegian Funds. Huwa ikkonferma li nistgħu nibbenifikaw min €50,000 fondi għax-xiri tal-propjeta u €50,000 għar-riġenerazzjoni jew għamara. Huwa xtaq konferma biex tkompli issir il-ħidma għal-propjeta'. Il-Kunsill ikkonferma u qabel unanimament.

10.05.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li dwar il-proġett ta' Ġnien fuq il-Liċeo, hemm kuntanti mal-gvern ċentrali biex dan jgħin fil-fondi.

10.05.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li għal-proġetti fi Pjazza San Pawl, sa jiġu sottomessi applikazzjonijiet biex jittieħdu fondi mil-Awtorita ta' l-Ippjanar.

**10.06 Estimi Finanzjarji 2020**

10.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li bħalissa għaddej ix-xogħol fuq l-estimi finanzjarji kif ukoll għeluq ta' s-sena preċedenti

**10.07 Skeda ta' Ħlasijiet**

10.07.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' Ħlasijiet għax-xagħar ta' Jannar, 2020.

**Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** ipproponiet l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Carmen Borg** sekondat l-mozzjoni.

L-iskeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**10.08 Ħwejjeġ Oħra**

10.08.01 **Il-Kunsillier Louise Portelli** infurmat lil kunsill li triq Monsinjur Depiro qed ikun hemm problema minħabba parkeġġ illegali. Il-kunsill qabel li għandhom jiġu infurmati l-Pulizija

10.08.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** rimarka li huwa jinsab urtat, imweġġa' imma l-iktar idispjaċut b'kumment li inkiteb mis-**Segretarju Eżekkutiv** fuq il-Medja Soċjali. Huwa qal li dan għamel rimarki xejn sbieħ lejn persuna minħabba il-kulur politiku. Huwa irrimarka li dawn l-affarijiet qatt ma ġraw qabel u jemmen li dawn ma jagħmlux ġid lil Kunsill Lokali tal-Ħamrun.

**Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li huwa personalment kien diġa' ġibed l-attenzjoni tas-**Segretarju Eżekkuttiv**, huwa qal li din mhux ħaġa tajba għax dan qed jirrapreżenta il-lokal kollu. Huwa rimarka li l-Kunsill min dejjem kien magħqud u għaldaqstant ix-xewqa tiegħu hi li dan jibqa hekk. Huwa rimarka wkoll li dan qed jagħmel ħafna xogħol tajjeb u hija ħasra li xi ħaġa hekk itappan il-ħidma tiegħu.

**Is-Segretarju Eżekkutiv Daniel Buġeja,** skuża ruħu ta' dik l-imġieba u rimarka wkoll mhux soltu jagħmel dawn it-tip ta' kummenti, anzi dejjem ikundanom. Huwa qal li jinsab iddispjaċut li waqa' għal provokazzjoni ta' persuna li mhux darba jew tnejn attakkatu personalment.

10.08.03 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** saqsa fhiex wasalna biex issir it-tieni il-ġabra ta' riċiklaġġ. **Is-Sindku Christian Sammut** infurmaħ li għadhom għaddejjien id-diskussjonijiet.

10.08.04 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li ġie avviċinat mim-rappreżentant tal-Probation Department dwar il-possibilta' li ningaġġaw persuna taħt probation mal-kunsill. **Is-Sindku Christian Sammut** qal li fil-passat din il-haġa diġa' ġiet diskussa u kien hemm preokupazzjoni ġenerali. Għaldaqstant issuġerixxa lil **Kunsillier Efrem Buttiġieġ** jiġbor iktar informazzjoni minħabba in-nuqqas ta' ħaddiema li hawn fil-kunsill. Huwa talab ukoll li kull min jaf xi persuna li jistgħu jagħmlu xi xogħol manwali u jkunu self-employed, iressqu isimhom biex nitolbuhom stima ta' x-xogħol. Is-Sindku issuġerixxa persuna biex tagħmel dan ix-xogħol, il-kunsill qabel unanimament.

10.08.05 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** qal li l-quddies u d-donazzjoni mil-Kunsill Lokali ta' t-Tfal ħa jsiru iktar tard f'Jannar. Huwa informa l-kunsill li ir-riċeviment ta' l-Kunsill Lokali ta' t-Tfal ma sarx għax dawn attendew ir-riċeviment li **l-Kunsillier Carmen Borg** organizzat f'isem il-Kunsill.

10.08.06 **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** issuġerit lil Kunsill, biex waqt il-laqgħa mal-Pulizija, tibġibed l-attenzjoni dwar l-ilegalitajiet fi triq Adelaide Cini.

10.08.07 **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** infurmat lil Kunsill li ittieħdu fondi mil-Animal Welfare, għaldaqstant sa tkun qed tikkoordina ħidma biex issr tiswija ta' annimali.

10.08.07 **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** qalet li ġiet avviċinata min xi nies fejn issuġerewla li fil-Ħamrun ikun hawn ċentru ta' għajnuna għal nies fil-bżonn.

10.08.08 **Il-Kunsillier Carmen Borg** stiednet lil kunsilliera jattendu l-attivita' li sa ssir għal anzjani.

10.08.09 **Il-Kunsillier Carmen Borg** infurmat li rċeviet xi ilmenti dwar parkeġġ illegali bejn Triq San Geatano u Anton Buttiġieġ.

10.08.10 **Il-Kunsillier Carmen Borg** ikkonfermat li ittieħdu l-fondi għal-iskemi ta' l-libreriji.

10.08.11 **Il-Kunsillier Carmen Borg** infurmat li rċeviet ilmenti dwar Triq Karmenu Abela. Hija ġiet infurmata li l-gvern ċentrali ħareġ sejħa biex din tiġi rranġata.

**10.09 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

10.09.01 Il-laqgħa intemmet fis-9.00p.m, u ġiet aġġornata għal-Ħamis 6 ta' Frar 2020 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum, 6 ta' Frar, 2020

Christian Sammut
Sindku

Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv